# X'kien jaħseb fuqu nnifsu Franġisku Saverju Caruana – Iben denn ta' Ħaż-Żebbuġ u Isqof ta' Malta

*minn Alexander Bonnici OFM Conv. HED, SThL, PhB*

Kulħadd jaf bil-merti kbar taż-Żebbuġi Franġisku Saverju Caruana. Il-merti tiegħu m'humiex bħala saċerdot u bħala Isqof biss. Hu ta' merti kbar fil-qasam ta' l-edukazzjoni u anki bħala patrijott Malti. Smajnieha wkoll kemm-il darba li hu kien bniedem konvint mill-merti tiegħu, u xtaq jilħaq dejjem iżjed. Għalhekk, fl-istorja, ma kenux ftit dawk li ttimbrawh bħala bniedem ambizzjuż. Bħalma jiġri dejjem għal min jagħmel xi ħaġa f'ħajtu, Caruana kellu min iħobbu u kellu min jobgħodu. Għalhekk, fil-karriera tiegħu, hu sab lil min imbuttah 'il quddiem u sab lil min ifixklu. Ħaġa waħda żgur li ma konniex nafu dwaru. Hu kien jistenna li jsir l-Isqof ta' Malta sa minn qabel ma Malta ġiet tassew f'idejn l-Ingliżi. Fiż-żmien ta' inċertezza kbira għal Malta, bejn l-1800 u l-1812, ħadd ma kien jaf b'ċertezza jekk l-Ingliżi kenux se jibqgħu f'Malta, jew jekk Malta kenitx se terġa' tiġi f'idejn il-Kavallieri, jew jekk kenitx se terġa' tingħata f'idejn Spanja. Il-pożizzjoni ta' l-akbar vantaġġ kienet dik ta' l-Ingliżi, għax fil-fatt kienu f'din il-gżira, u fl-ewwel snin, Malta kienet f'idejn Alexander Ball, bħala Kummissarju Reġju f'Malta. Il-ġrajja marbuta ma' Caruana hi ta' żmienu.

### Il-Mewt ta' Labini fl-1807

Fit-30 ta' April, 1807, miet Vincenzo Labini, Isqof ta' Malta u Arċisqof titulari ta' Rodi. Hu l-aħħar Isqof ta' Malta li ma twelidx fil-gżejjer tagħna1. F'Malta kulħadd kien jissopponi min sata' jkun is-suċċessur tiegħu. Sentejn u nofs qabel ma miet, Labini kien għażel lil Ferdinandu Mattei biex ikun qrib tiegħu ħafna. Hu ppropponieh quddiem il-Papa għall-episkopat. Piju VII għażel lil Mattei, mill-Isla, bħala Isqof titulari ta' Pafo.

Jiena u nqalleb il-manuskritti tal-Public Record Office ta' Kew, qrib Londra, sibt memorjal minn Mattei li ntbagħat lill-Gvern Ingliż biex iffissirlu li ħadd ħliefu ma kellu jkun l-Isqof ta' Malta. Alexander Ball deher li kien ta' l-istess fehma[2]. Dan ifisser li l-Ingliżi, qabel ma kellhom lil Malta f'idejhom, diġà kienu qed jagħmlu minn kollox biex l-Isqof ikun wieħed li jogħġobhom. Imma Franġisku Saverju Caruana ma kienx jaħseb li hu kellu ċans anqas minn Mattei. Qatt ma konna nafu s'issa kemm tħabat sa minn dak iż-żmien. Niftakru li fl-1807 Caruana fl-età kien diġa' sentejn akbar minn Mattei, għax dan kien twieled fl-24 ta' Lulju 1761[3], waqt li Caruana twieled fis-7 ta' Lulju 1759[4].

### Caruana b'isem fl-Istorja ta' Malta

Caruana emmen li hu kien istruwit iżjed minn Mattei. Waqt li Mattei ma kienx illawrjat, Caruana kien bid-dottorat fit-Teoloġija u fil-Liġi mill-Università ta' Malta[5]. Hu kien ukoll patrijott magħruf. Sab lil min rah iddedikat ħafna biex jgħin lill-foqra. Rawh ukoll bħala difensur tad-drittijiet tal-poplu Malti. Madanakollu, kien hemm min rah jitkaxkar mill-kurrent, u jagħmel dak li jaqbillu, mingħajr ma' jżomm pożizzjoni soda[6].

Hu żgur, li fi żmien diffiċli ħafna għal Malta, fl-okkupazzjoni Franċiża (1798-1800), il-poplu Malti kien ra f'Caruana wieħed mill-mexxejja tiegħu. Kien il-Kmandant Militari tan-nofs in-nhar ta' Malta, li kien jiġbor fih mis-Siġġiewi, għal Ħaż-Żebbuġ u jasal safejn hemm il-Ħamrun illum. Għalhekk Caruana akkwista għalih isem fl-istorja ta' Malta.

Meta l-Franċiżi ġew imġegħlin jitilqu, Caruana ħass is-sodisfazzjon li hu kien ta sehem kbir ħafna bħala patrijott. Għalhekk, mal-mewt ta' l-Arċisqof Labini, meta l-Ingliżi kienu qed jaħdmu ħafna ħalla Malta tiġi kompletament f'idejhom, Caruana ħaseb li kienet ġietu x-xoqqa f'moxtha biex juri li l-merti tiegħu biex ikun Isqof ta' Malta ma

kienu xejn anqas minn dawk ta' Mattei. Imma, waqt li Mattei kien diġà Isqof, Caruana kien kanonku tal-Katidral ta' Malta. Madankollu, ma kienx b'qalbu maqtugħa.

### Jirrikmanda lilu nnifsu

Fil-5 ta' Mejju 1807, jiġifieri ħamest ijiem biss wara l-mewt ta' Labini, Caruana kiteb memorjal lill-Kummissarju Ball ħalli dan jitressaq quddiem il-Gvern Ingliż u quddiem ir-Re Ġorġ III. Hu xtaq juri li ħadd ma kellu merti daqsu biex jiġi magħżul bħala Isqof ta' Malta. Semma, fost l-oħrajn, dwar kemm kien wera bil-fatti l-patrijottiżmu tiegħu, meta kien hemm bżonn li jaqbeż għal Malta, art twelidu. Dan wrieh l-iżjed meta dawk li kienu jgħammru fil-kampanja ta' Malta bdew jimblukkaw fil-firxa tal-kampanja l-eżerċtu Franċiż li kien qed jokkupa t-territorju. Lilu kienu saħansitra għażluh b'akklamazzjoni bħala l-mexxej ta' dan il-blokk.

Caruana ammetta li hu ma kienx ta' abilità fl-arti militari. Barra minn hekk, il-qagħda, tħarsilha minfejn tħarsilha, f'dik il-kampanja militari kienet imwiegħra ħafna. Imma hu stqarr kemm kellu suċċess. Ta' dan setgħu jixhdu Ġenerali, Ammiralli, u Kummissarji tar-Re Ingliż li f'dak iż-żmien kienu f'Malta. Oħrajn, iżjed tard, semgħu lil min irrakkuntalhom. Il-valur ta' Caruana, fil-fehma tiegħu stess, jikber meta jfakkar li bata ħafna, u qatt ma daħħal xi flus f'butu għall-ħidma tiegħu. Kien jgħix b'dak li kien tiegħu. Qatt ma għamel xi applikazzjoni għal xi ħlas.

Il-Kanonku Caruana, lil Ball, fakkru wkoll li hu, bħala saċerdot li jħobb il-ħajja nisranija u x-xjenza, ħadem ħafna biex jara oħrajn iġibu ruħhom tajjeb, u biex it-tagħlim jimxi 'l quddiem. Tul l-aħħar seba' snin (1800-1807), Caruana kien Spettur Ġenerali u President ta' l-oqsma kollha tax-xjenza u ta' l-arti.

Fl-istess żmien, hu kien ukoll il-Kap u r-Rettur ta' l-Università ta' Malta. Fi żmienu, fl-Università, kien hemm madwar 700 żagħżugħ jistudjaw. Hu kien ukoll wieħed mill-Professuri. Hu kiteb li ma kenitx ħaġa ħafifa għalih li jmur l-Università tal-Belt biex jgħallem.

Dak li kien idaħħal kien iservih biss biex iħallas il-kaless li kien iwasslu sal-Belt. Is-salarju tiegħu kien ta' 350 skud fis-sena[7].

### Il-Ħidma Soċjali

Caruana kiteb li kien bil-ħila tiegħu nnifsu li artu waslet għal stat ta' għana pubbliku li sar stabbli. Dak li nkuraġġih kien l-Isqof Labini. Imma ħadd ħliefu ma kien għenu. Hawn donnu intenzjonalment qed jeskludi lil Mattei li kien l-id il-leminija ta' Labini. Labini kien għenu billi tah xi flus biex jibda b'xi ħaġa f'idejh ħalli jirranġa post ta' għajnuna għall-oħrajn. Il-kumplament tax-xogħol kien hu li daħal ħalih, u wasal fejn ried għax ħaddem moħħu u ħareġ minn ġewwa.

Hu nnifsu jgħidilna x'għamel. Tul l-aħħar sittax-il sena (mis-sena 1791) Caruana organizza post biex fih isir il-ġid billi dawk li xtaqu, setgħu jiġu mgħallmin f'xi snajja. Ħadd minnhom ma kien qed jiġi mitlub biex iħallas. Bdew isiru xogħlijiet bl-idejn b'mekkaniżmu li kien sempliċi ħafna. Hu ta bidu għal iżjed minn mitt għamla ta' xogħol bl-idejn. Jew kienu jikkupjaw fuq dak li jsir barra minn Malta, jew kienu joħolqu prodotti lokali, u għalhekk ta' għamla ġdida. Kienu xogħlijiet bil-qoton, bix-xoqqa ta' l-għażel, bil-ħarir u bil-ħjut tad-deheb u l-fidda. Kienu xogħlijiet li saru fuq drappijiet ta' kull lewn, b'ħafna varjetà, u anki ta' qisien li jaslu għal daqsijiet mhux tas-soltu.

Ix-xogħlijiet kienu jgħaddu minn id għal oħra, u jkunu b'għamliet ta' varjazzjonijiet li ma jingħaddux. F'dak l-Istitut, id-drappijiet ingħataw ilwien differenti. Ġie li kienu lwien li f'Malta dehru għall-ewwel darba. L-ilwien kienu tant tajbin li, biż-żmien la kienu jibjadu u lanqas jgħibu. Ġie li xi Ingliżi kienu jmorru f'dak l-Istitut, u wrew l-apprezzament tagħhom. Bis-saħħa ta' dak ix-xogħol, mal-mitt tfajla sabu impjieg. Kien żmien meta flus fl-idejn ma kienx hawn. Imma dawk it-tfajliet kienu jmorru xorta waħda għax l-Istitut kien jagħtihom bħala ħlas mill-prodotti li jsiru u b'hekk huma ħejjew id-dota tagħhom għal meta jiżżewġu. F'dan l-istitut ukoll, Caruana ma fittixx qligħ għalih innifsu. Kellu s-sodisfazzjon li kien qed isir ħafna ġid.

### Jixtieq l-Episkopat bħala ħlas

Caruana stqarr li dejjem għamel il-ħila tiegħu kollha biex jaqdi d-dmirijiet tiegħu bħala saċerdot. Kien iħossu konvint li għamel ukoll ħafna ġid spiritwali. Kien għadu jħossu ddedikat għal art twelidu, fil-bżonnijiet spiritwali ta' għamliet differenti li lill-Maltin setgħu jinqalgħulhom.

Wara tant ħidmiet, Caruana ppreżenta ruħu b'din il-kitba lill-Kummissarju Ġenerali, Alexander Ball. Lilu, hu stiednu biex jara b'għajnejh jekk hux minnu dak kollu li ddikjara. Ried b'tama qawwija li Ball ikun jista' jixhed għalih quddiem l-Awtoritajiet ta' l-Ingilterra kemm hu kien saċerdot li għamel il-ġid fost il-Maltin.

Madankollu, fi żmien ta' episkopat vakanti, il-Kanonku Caruana kien qed jittama li Ball juri dik l-istima li soltu juri mal-ħbieb tiegħu. Caruana ħassu ċert li l-veri ħbieb ta' Ball kienu dawk li jħobbu l-ġid pubbliku. Hawn, innizżlu l-kelmiet eżatti ta' Caruana: "Jekk il-Kanonku Caruana ddistingwa ruħu tassew fost il-Maltin kollha biex imexxi 'l quddiem lil art twelidu li hi Malta, minkejja t-tiġrib kbir li minnu għadda, it-taħbit bla tarf u l-flus li ħareġ minn ġewwa sa l-età ta' 48 sena li għandu llum, jixtieq li, għallanqas għalli ġej, int titfa' għajnejk fuqu ħalli jakkwista l-ħlas li jistħoqqlu."[9]

Il-ħlas li stenna kien li Ball jirrikmandah għall-episkopat ta' Malta. Imma Caruana ma kienx diplomatiku biżżejjed. Ma semmiex għal darba waħda biss ir-rabta li kellu ma' l-Ingilterra, bħalma għamel Mattei fil-memorjal tiegħu. Kien onest jekk ma kellux xi simpatija speċjali lejn l-Ingliżi. Imma, iżjed tard, fi xjuħitu, wara l-mewt ta' Mattei, Caruana ma jonqosx milli jsemmi kemm kien ħabib ta' l-Ingliżi. Barra minn hekk, Ball ma kienx japprezza lill-Kunsilli li kienu jirrappreżentaw lill-Maltin[10]. Caruana kien wieħed mill-protagonisti ta' dawn il-Kunsilli, u dan aktar fixklu milli għenu biex isib rakkomandazzjoni min-naħa ta' l-Ingliżi. Ball, lill-Kapijiet tal-Maltin, kien jarahom jgħiru għal xulxin, u lill-Maltin rahom maqsumin f'partiti żgħar u bla saħħa. Il-Kummissarju Ġenerali kien qed jara anarkija sħiħa. Ball innifsu jgħid li hu ssejjaħ mill-Maltin biex jiggwidahom, u huma talbu lir-Re Ġorġ III ta' l-Ingilterra u lil Lord Nelson biex jgħinuhom[11]. Għalhekk Ball ħass li ma kienx jaqbillu jirrikmanda lil Caruana. Żgur li kien jibża' minnu u ħass li ma setax jafdah għal kollox. F'każ ra' rewwixta min-naħa tal-Maltin, Caruana ma kienx se jagħti l-appoġġ tiegħu lill-Ingliżi.

Għal din ir-raġuni, Alexander Ball bagħat lejn Londra ż-żewġ memorjali, kemm dak ta' Mattei kif ukoll dak ta' Caruana. Imma hu faħħar lil Mattei u lilu rrikmanda għall-episkopat ta' Malta. Dan għamlu b'ittra lil Lord William Windham fl-14 ta' Mejju 1807. Imma Ball xtaq li jkun hemm oħrajn ukoll li jidhru bħala kandidati[12]. Fil-fatt, ma kienx hemm.

L-għażla waqgħet fuq Ferdinandu Mattei. In-nomina ħarġitlu minn Ruma f'isem il-Papa Piju VII fit-18 ta' Settembru 1807[13]. Caruana baqa' jittama tul l-episkopat kollu ta' Mattei. Imma, meta sar tassew Isqof ta' Malta, b'nomina mill-Papa Girgor XVI, fit-28 ta' Frar 1831, Caruana kien xiħ u marid. Kellu 72 sena[14]. Madankollu, hu kellu episkopat ta' sittax-il sena. Kien fl-aħħar sena ta' ħajtu li ġie mogħti kogitur, li kien l-Isqof Publju M. Sant, li kellu jkun is-suċċessur tiegħu. Sant ġie nnominat Isqof fit-12 ta' April 1847[15]. Imma Caruana ma kienx fadallu ħlief seba' xhur ta' ħajja, għax miet ta' 88 sena, fis-17 ta' Novembru 1847[16].

### Dokumentazzjoni


1. ASV, Proc. Dat., 176, f.287.
2. PRO (Kew), CO, 158/13, ff.330-331.
3. APS, Bapt., ff.147-148.
4. ASV, Proc. Cons., 230, f.314r; AAM, RO, 1780-1806, f.38r.
5. R.RITZLER – P. SEFRIN, Hier. Cath., VII, p.260.
6. Arth. BONNICI, History of the Church in Malta, III, 1975, p.18.
7. PRO (Kew), CO, 158/13, ff.305r-307r.
8. Ib., ff. 307r-v, 311r.
9. Ib., f.311r.
10. Ib.,f.351v.
11. Ib., ff.351v-353r.
12. Ib., Ball-Windham, 14/5/1807, f.321v.
13. ASV, Fondo Concistoriale, Acta Camerarii, 50, f.471r.
14. RITZLER-SEFRIN, Hier. Cath., VII, p.261.
15. ID., Ib., VIII, p.378.


### Abbrevjazzjonijiet:

APS: Arkivju Parrokkjali Senglea
ASV: Arkivju Sigriet tal-Vatikan
CO: Colonial Office
Hier. Cath. : Hierarchia Catholica
Ib.: Ibidem (fl-istess post)
Id.: Idem (l-istess awtur)
PRO: Public Record Office
Proc. Cons.: Processus Consistorialis
Proc. Dat.: Processus Datariae